# Rapport Amministrattiv 2010/11

## Sena w nofs ta' Ħidma

## Laqgħa Annwali Pubblika

**DATA w ĦIN:** Il-Ġimgħa, 21 t'Ottubru 2011 fis-7 ta' filgħaxija
**POST:** Sala tal-Paroċċa San Ġorġ Preca, Swatar.

---

## AĠENDA

1. Introduzzjoni miċ-*Chairperson u r*endikont ta' ħidma mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar;
2. *Traffic Management fis-Swatar;*
3. Proposti għal *Budget* 2012;
4. Ilmenti u Suġġerimenti;
5. Għeluq.

---

Il-Kumitat:

**Mary Rose Mifsud, *Chairperson*** – Ambjent, Saħħa u Edukazzjoni

**John Mary Zahra, *Membru*** – Toroq, Sinjali u Skart

**Jane (Yvonne) Spiteri, *Membru*** – Edukazzjoni u Crafts

**Mario Xuereb, *Membru*** – Żagħżagħ, Sports, Kultura u Ħarġiet Kulturali

**Rudolph Cini, *Membru*** – Anzjani, Saħħa, Kultura u Ħarġiet Kulturali

# 1. Introduzzjoni miċ-Chairperson u rendikont ta' ħidma mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida għaddej bil-ħidma tiegħu u b'impenn kbir sabiex jassigura li s-Swatar tkun żona li niftaħħru biha. Hemm ħafna xogħol xi jsir imma nemmen li dan il-Kumitat Amministrattiv għandu potenzjal kbir. Qegħdin grupp magħqud u naħdmu id f'id għal għan wieħed—'li naraw is-Swatar aħjar'. 'Aħjar' f'kull aspett. Mhux biss irridu ngħatu każ l-ambjent, l-indafa, it-toroq u ħafna problemi oħra li huwa importanti ħafna iżda rridu nħarsu wkoll lejn l-edukazzjoni u s-saħħa għall-kullħadd.

Għandna bżonn l-għajnuna tagħkom billi tgħidulna x'inhuma s-suġġerimenti tagħkom jew inkella xi problemi li, fejn hu possibbli, nkunu nistgħu ngħinukom. Jekk kullħadd jgħati s-sehem tiegħu mhux aħna bħala Kumitat biss jirnexxi imma nirnexxu lkoll.

Il-Kumitat huwa magħmul minn:

**Mary Rose Mifsud, *Chairperson*** – Ambjent, Saħħa u Edukazzjoni;

**John Mary Zahra, *Membru*** – Toroq, Sinjali u Skart;

**Jane (Yvonne) Spiteri, *Membru*** – Edukazzjoni u Crafts;

**Mario Xuereb, *Membru*** – Żagħżagħ, Sports, Kultura u Ħarġiet Kulturali;

**Rudolph Cini, *Membru*** – Anzjani, Saħħa, Kultura u Ħarġiet Kulturali;

**Christopher Galea, *Aġent Segretarju Eżekuttiv***.

## Amministrazzjoni

Kull ilment li daħlilna kif ukoll kull proposta tajna kasha, iddiskutejniha u ħadna azzjoni fuqha u r-resident dejjem ġie nfurmat kemm fil-pożittiv u anki fin-negattiv.

## Finanzi tal-Kumitat

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar huwa maqsum bejn il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida. Il-Parti tal-allokazzjoni li ġiet mgħoddija lill-Kumitat hija wkoll maqsuma bejn iż-żewġ Kunsilli rispettivi skont il-kobor. Għalkemm jdher li hemm ammont sostanzjali ta' fondi, il-maġġor parti tagħhom huma kollha allokati għal spejjeż li l-Kumitat irid jagħmel sabiex jaqdi l-funzjonijiet statutorji tiegħu. Dawn jinkludu Spejjeż Amministrattivi, Manutenzjonijiet tat-Toroq u Immaniġġjar tal-Iskar.

Għaldaqstant il-Kumitat jekk ineħħi dawn l-ispejjeż, skont il-Budget 2011, qed jiġi stmat li jivdallu biss €17,000 għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jonfoqhom fi proġetti jew inizjattivi oħra. Għalhekk il-Kumitat qiegħed japplika għal fondi addizzjonali bħal Skemi sabiex il-Kumitat ikun jista' jagmel dawk il-proġetti li mill-allokazzjoni tiegħu ma jistax jagħmilhom.

Fondi allokati għal din is-sena mill-Gvern Ċentrali huma:

| | |
|---|---|
| Kunsill Lokali Birkirkara | €116,508 |
| Kunsill Lokali L-Imsida | €80,004 |

## Konfini

F'Awwissu 2010 l-Kumitat beda jiddiskuti l-konfini. Is-suġġerimenti tal-Kumitat ġew sottomessi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li sallum għadhom ma ġewx approvati. Is-suġġermineti huma:

- Għan-naħa ta' L-imsida ser jibqgħu kif inhuma iżda l-Kumitat kiteb lill-Uffiċċju Elettorali biex jemendaw ir-reġistru elettorali sabiex l-parti ta' Triq it-Torri (il-parti li tmiss ma' Triq il-Kunċizzjoni, L-Imsida), skont il-konfini, taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Imsida ma tibqgħax tidher taħt is-Swatar.

- Għan-naħa ta' Birkirkara, Triq il-Qattus, li hija t-triq li tiddividi l-konfini bejn is-Swatar u Birkirkara, jiġi assigurat li ż-żewġ naħat tat-triq u l-entraturi kollha uffiċċjali tagħha jkunu parti mill-konfini tas-Swatar. Dan għaliex fl-elezzjoni li saret biex jiġu eletti il-membri tal-Kumitati Amministrattivi, kien hemm persuni minn din it-triq li ma kellhomx dritt għall-vot minħabba li ma kienux jgħamlu parti mill-konfini tas-Swatar.

## Attivitajiet

### 1) *Traffic Awareness Day*

Fit-2 ta' Novembru 2010 għamilna l-ewwel attivita' tal-Kumitat imsemmija '*Traffic Awareness Day'* kif ukoll kienet opportunita' li niltaqgħu magħkom ir-residenti. Din l-attivita' kienet maħsuba sabiex it-tfal tagħkom jieħdu gost u fl-istess ħin jitgħallmu xi ħaġa. Kienet suċċess u kullħadd ħa gost. Pero l-Kumitat mhux ser jieqaf hawn. Ativitajiet oħra huma maħsuba li jsiru aktar 'l quddiem. Min għandu xi suġġerimenti ġentilment mitlub jikkuntatja lill-Kumitat.

### 2) Edukazzjoni mill-Qari

Il-Kumitat għandu l-ħsieb li jorganizza sensiela ta' attivitajiet li jippromwovu l-importanza tal-qari kif ukoll iħajru lill-dak li jkun biex jibda jaqra l-kotba. Il-Kumitat jixtieq jara l-interes li hemm f'din l-inizjattiva kif ukoll min hu lest li jagħmel istory telling. Min hu nteressat għandu jħalli d-dettalji tiegħu wara l-laqgħa lill-Aġent Segretarju

## Proġetti

### 1) Bandli tas-Swatar, Triq il-Balliju ta' Guttenberg

Fid-9 ta' Novembru 2010, il-Kumitat, permezz ta' Memo 94/2010, issottometta applikazzjoni sabiex jieħu fondi mill-iskema li ħarġet u f'dan il-Bandli jsiru manutenzjoni u tisbieħ fih. Minn din l-iskema il-Kumitat irnexxielu jieħu €16,000. Dan kien ikopri biss l-ewwel fażi tal-proġett peress li l-proġett kollu hekk kif stmat mill-perit u sabiex ikun konformi ma' kull standard jammonta għal €42,960. L-ewwel fażi tal-proġett jikkonsisti fl-invellar, qlib u tlestija ta' l-art tal-grawnd maġenb il-bandli biex jitwaħħal it-turf artifiċjali fuqu u tqegħid tiegħu. L-ewwel fażi hu proġettat li jitlesta sa l-aħħar ta' din is-sena.

Sabiex il-Kumitat jgħaddi għat-tieni fażi tal-proġett għandu bżonn €26,960 aktar fondi. B'hekk il-Kumitat, permezz ta' Memo 55/2011 li ħarġet din is-sena applika sabiex jieħu fondi mill-Gvern Ċentrali u jkun jista' jlesti l-proġett. Din l-applikazjoni għada qed tiġi evalwata. B'hekk dan il-bandli kif ukoll il-grawnd ta' ma' ġembu jkun mgħammar bis-

sigurta' kollha meħtieġa, sabiħ u jkun jista' jitgawda mir-residenti kollha.

It-Tieni fażi tal-proġett jikkonsisti:

- Gate ġdida biex tidħol għall-bandli
- Lasti ġodda.
- Tranġar tal-fence.
- 5 Bankijiet ġodda.
- Free Wi-fi Spot
- Sistema ta' Sigurta' fuq il-Bandli

F'Settembru 2011, sar rapport ta' spezzjoni li saret fuq il-Playgrounds mil-MCCAA fejn identifikaw l-affarijiet kollha li hemm bżonn jinbiddlu jew jitranġaw sabiex dan il-bandli jkun konformi mal-*istandards*. Dan ir-rapport ġie evalwat mill-Kumitat u nħarġet stima li biha l-Kumitat ser japplika permezz ta' Memo 66/2011 sabiex jieħu l-fondi mill-Gvern Ċentrali u b'hekk ikun jista' jagħmel ix-xogħlijiet hekk kif mitlub mir-rapport.

## 2) Taraġ ta' Valley Road

Il-Kumitat iddiskuta l-problema tat-taraġ ta' Valley Road fejn ħafna mir-residenti tas-Swatar jinżlu minnhu. Dan it-taraġ, speċjalment meta tagħmel ix-xita, jinżel minnhu ammont konsiderevoli ta' ilma li ma jkunx aċċessibli aktar għax isir perikoluż. Il-Kumitat qabbad il-perit tal-Kunsill ta' Birkirkara sabiex jagħmel studju u joħroġ stima ta' kif dan it-taraġ ikun dejjem aċċessibbli u mingħajr perikli. L-istima ammontat għall-€23,000. Il-Kumitat applika għall-fondi mill-Urban Improvement Fund fi ħdan il-MEPA fejn għada qed tiġi evalwata.

## 3) Bankina quddiem is-St Martin's College

F'Ġunju 2011 bdew taħdidiet mas-St Martin's College sabiex tittaffa l-problema ta' konġestjoni ta' traffiku fi Triq is-Swatar waqt li t-tfal ikunu ħerġin mill-Kulleġġ bil-vannijiet li jostakulaw it-triq sabiex ikunu jistgħu jabbu t-tfal.

Ġie maqbul miż-żewġ partijiet li:

Minn naħa tal-Kulleġġ - Tiġi rranġata il-bankina sabiex titwessa t-triq. Il-biċċa ta' fejn hemm il-pjanti tinqala u l-pjanti jitpoġġew fir-rokna ħalli takkomoda iktar spazju għal vannijiet. Dan ix-xogħol għandu jsir sa Settembru 2011.

Minn naħa tal-Kumitat Amministrattiv - Jinżebħu bl-isfar is-sinjali tal-parking wara li jitlesta x-xogħol u jiġu provduti u mwaħħla żewġ tabelli oħra li jindikaw il-ħinijiet meta ma tistax tipparkja.

Sallum, dan il-proġett għadu ma sarx peress li l-Kulleġġ għadu qed jistenna l-approvazzjoni mit-Transport Malta.

# Refreshing tas-Sinjali tat-Toroq

F'Novembru 2010, il-Kumitat ordna sabiex isir refreshing taż-żebgħa tas-sinjali tat-toroq sabiex ikunu viżibbli mill-ġdid.

## Fuljett b'Informazzjoni tal-Kumitat

F'Diċembru 2010, il-Kumitat qassam fuljett lir-residenti kollha tas-Swatar b'informazzjoni fuq kull membru tal-Kumitat u l-irwoll tiegħu. Ingħataw dettalji tas-sit fejn wieħed jista' jara x'qed jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-Kumitat billi jara l-Minuti kif ukoll ikun hemm l-Aġenda tal-laqgħat bid-dati tal-laqgħat meta jkunu ser isiru.

## Problema ta' Parking ġewwa s-Swatar

Il-Kumitat huwa konxju li fis-Swatar hemm problema kbira ta' parking li qed jaffettwa lir-residenti stess. Il-problema prinċipali ġejja mill-istabbilimenti kummerċjali li hemm fis-Swatar fejn mijjiet ta' ħaddiema kulljum qed jiġu s-Swatar u qed jieħdu l-postijiet ta' parkeġġ lir-residenti. Mhux biss tal-istabbilimenti li hemm is-Swatar qegħdin jipparkjaw fin-naħat tas-Swatar iżda wkoll ħaddiema ta' Mater Dei għax kull filgħodu jaqsmu mijjiet ta' ħaddiema mill-bypass lejn Mater Dei. Il-Kumitat qiegħed jesplora diversi alternattivi, biex intaffu din il-problema. Is-soluzzjoni m'hix faċli iżda l-Kumitat qed jagħmel l-għalmu tiegħu kollu biex isib soluzzjoni.

## Siti Perikolużi fis-Swatar

Il-Kumitat dentifika diversi siti perikolużi fej il-Kunsilli kif ukoll il-Kumitat ma jista' jagħmel xejn dwarhom minħabba li huma propjeta' privata. Dawn ġew irrapurtati kemm 'l darba lill-Pulizija fejn s'issa ġew immarkati bit-tape tal-Pulizija biss u ebda azzjoni oħra ma ttieħdet. Il-Pulizija għandhom bżonn li jkunu jafu minn huma l-propjetarji sabiex dawn jitresqu l-Qorti. Dawn is-siti ġew rapurtati lill-MEPA bit-tama li jiġu identifikati minn huma l-propjetarji. Is-Siti perikolużi huma:

1) Triq tal-Qattus – Hemm ħajt tas-Sejjiegħ imwaqqa faċċata tal-Mużew tas-Subien u kulljum min hemm jgħaddu ħafna tfal mal-ġenituri tagħhom fi triqithom lejn il-Mużew.
2) Triq Grosseto k/a Triq is-Sisla – Hemm ċint ta' basement baxx perikolż u li jista' jaqa' xi ħadd. Qed jiġi nnutat ukoll li qed jinżlu xi tfal u hemm riskju kbir li jweġġgħu.
3) Triq Girgor Gatt k/a Triq Ġużeppi Xuereb (ix-Xhudi) – Hemm ukoll ċint ta' basement baxx perikolż. Dan ġie rrapurtat lill-MEPA u l-MEPA irrakkomandat li jsir rapport lill-Pulizija.
4) Triq it-Torri fejn l-HSBC – Dan iċ-ċint kien imwaqqa bil-*fence* b'kollox iżda issa inbena ċint u tneħħa l-periklu.
5) Triq il-Qanpiena k/a Triq Onorfrio – Għalkemm f'dan is-sit tneħħa il-periklu, l-ispazju ġie mgħotti b'mod illegali. Dan ġie rapurtat lill-MEPA.

## Kampanja Basic Life Support (BLS)

Il-Kumitat fix-xhur li ġejjin ser jibda Kampanja li tippromwovi l-importanza li kull persuna tkun taf kif għandha tagħti l-ewwel għajnuna jekk persuna jkolla inċident kif ukoll kif jistgħu jissokkorru l-membri tal-familja tagħhom. Ser isiru korsijiet mil-Profs Sultana tal-BLS kif ukoll tal-First Aid. Dawn il-korsijiet ser ikun b'xejn għar-residenti kollha tas-Swatar. Ser issir konferenza stampa kif ukoll ser jitqassmu flyers b'formoli lir-residenti kollha tas-Swatar sabiex kull min hu interessat japplika. Inħeġġeġ lill-kulħadd sabiex jipparteċipa fejn fl-aħħar tal-kors, ser jingħata ċertifikat.

## Tabelli ta' Informazzjoni

Il-Kumitat qiegħed jiddiskuti mal-Kunsill Lokali Birkirkara sabiex jitwaħħlu aktar tabelli fis-

Swatar li juru informazzjoni tal-Ħwienet li hemm fis-Swatar kif ukoll id-direzzjoni tagħhom.

## Stemma tas-Swatar

F'Lulju 2011, il-Kumitat approva Stemma ġdida tas-Swatar. It-Tema ta' din l-istemma hija:



Is-Swatar hija żona ġdida u żagħżugħa u bħala storja ma tantx issib dwarha. Parti miz-Zona hija meħudha minn Birkirkara u parti mill-Imsida. Għalhekk il-Kumitat iddeċieda li jagħmel l-istemma tal-Kumitat li tibbaża dan il-fatt fejn illum is-Swatar huwa identifak b'konfini bejn Birkirkara u l-Imsida.

Parti mill-istemma qegħdha bi sfont aħmar li jirrappreżenta il-lokalita' ta' Birkirkara. Il-parti l-oħra li qegħdha bi sfont aħdar jirrappreżenta l-lokalita' tal-Imsida. Fin-nofs bi sfont abjad, jirrappreżenta s-Swatar fejn fil-ġnub tal-isfont abjad hemm burdura li tirrappreżenta l-konfini tas-Swatar

Din l-istemma għada qed tiġi evalwata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u sakemm ikun hemm l-approvazzjoni, din l-istemma ma tistax tintuża.

## Devoluzzjonijiet

### i. Tas-Sisla, Swatar Birkirkara – Art li tinsab bejn Triq tas-Sisla, Triq il-Qampiena u Triq Mro. Camilleri.

Il-Kumitat ra art f'tas-Sisla li hija għalqa mitluqa fejn kiber ħafna haxix ħażin fiha. Qed ikun hemm ħafna ħmieġ peress li hija abbandunata u ħadd m'hu qed jgħati kasha. Parti mill-għalqa qed tintuża bħala aċċess għall-Knisja Parrokjali.

Il-ħsibijiet tal-Kumitat kienu li din l-art tista' tinbidel fi spazju miftuħ u organizzat b'tali mod li jitgawda mir-residenti kollha tas-Swatar. L-idea kienet li sservi bħala post ċentrali ta' rikreazzjoni ġewwa s-Swatar. F'din l-art jista' jinbena Bandli, Ċentru għall-Komunita', Ġnien u barra minn hekk, f'parti minnha jinbena spazju għall-parkeġġ sabiex intaffu ftit mil-problema tal-parkeġġ li hemm fis-Swatar. Is-Swatar qed jikber fil-popolazzjoni u kullimkien qed jinbena. Din l-art hija l-unika art li fadal fis-Swatar li għadu ma mbena xejn fiha u għalhekk huwa ferm importanti li din l-art niproteġuha milli tinbena.

Il-Kumitat tefa' l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' din l-art ġiet evalwata iżda rriżult li mid-Dipartiment tal-Artijiet li hija art privata. Għaldaqstant il-Kumita ma jista' jagħmel ebda proġett fuq din l-art.

### ii. Uffiċċju għall-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

Il-Kumitat bħalissa qed jagħmel il-laqgħat tiegħu darba fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u d-darba fil-Kunsill Lokali tal-Imsida.

Il-Kumitat xtaq li jkollu uffiċċju amministrattiv ċentrali sabiex minnu jinqdew ir-residenti tas-Swatar.

Manadnakollu, wara li ġiet analizzata proposta li kien diġa ressaq il-Kumitat, il-Kumitat innifsu ddeċieda li għalissa ma jkomlix bil-porposta għaliex mhux finanzjarjament vijabbli.

### Arriva

Saru taħdidiet mal-Kumpanija Arriva kif ukoll ma' Transport Malta sabiex jissolvew il-problemi li r-residenti qed jaffaċċjaw bis-servizzi tal-110, 41-43 u 31 sa 33. Sar ukoll rapport fejn intbgħat lit-Transport Malta li dan tistgħu issibuh fis-sit fejn hemm il-Minuti.

Sfortunatament sallum, dawn il-proposti ma ġewx attwati. Barra minn hekk, is-servizz tar-rotta 110 mhux talli ma ġietx kif propona l-Kumitat li tidħol il-Belt Valletta iżda ġiet estiża għal tas-Sliema u l-Belt ma tidħolx.

Il-Kumitat ser ikompli jinsisti mal-kumpanija Arriva sabiex il-proposti tal-Kumitat jiġu attwati u b'hekk ir-residenti tas-Swatar jiġu mgħoqdija bl-aħjar mod possibli.

## 2. Traffic Management

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar ħass il-ħtieġa li jagħmel eżerċizzju fiż-żona fejn identifika ċerti toroq li huma perikolużi għas-sewwieqa kif ukoll għar-residenti bil-mod kif qegħdin bħala direzjonijiet tat-traffiku. Għalhekk il-Kumitat unanimament qabel sabiex ibbiddel ċerti direzzjonijiet tat-traffiku biex ikun hemm aktar sigurta fit-toroq u jonqsu l-inċidenti. Naturalment il-Kumitat żamm f'moħħu wkoll li b'dawn il-bidliet it-traffiku jibqa' miexi mingħajr ebda ostakli. Dawn il-bidliet intbgħatu lit-Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

Il-bidliet proposti saru fit-toroq li ġejjin:

Triq Anthony Sammut
Triq Joseph A. Deacon
Triq Manwel Vilhena
Triq Guze Ellul Mercer
Parti mit-Triq il-Balliju Guttenburg
Triq Ġużeppe Calleja
Triq Mons Arthuro Bonniċi
Triq Ġuże Maria Puglisevichi
Triq it-Torri (tinfetaħ it-Triq li tagħti għal Triq Dun Karm)

### Konklużjoni

Kif qed taraw, il-Kumitat għaddej b'ħidma kontinwa iżda ħafna minn dan ix-xogħol ma jidhirx iżda naċċertakom li l-Kumitat ser ikompli jaħdem sabiex jara li l-interessi taż-żona tagħna kif ukoll tar-residenti jkunu dejjem imħarsa u kollkom dejjem vuċi li tiddefendikom.

## 3. Proposti għal Budget 2012

Ma kien hemm ebda proposta biex tiġi aġġunta fil-Budget 2012.

# 4. Ilmenti u Suġġerimenti

| | | |
|---|---|---|
| 401 | Swatar – Il-Kennies Zanzu qed jagħmel xogħol tajjeb ħafna | |
| 402 | Triq is-Swatar – Madwar il-Bring-in-Sites qed ikun hemm ħafna ħmieġ fejn in-nies iħallu l-boros ħdejhom. Jeħtieġ preżenza ta' Gwardjan Lokali. | |
| 403 | Fit-Triq li tiġi taħt ir-Ramparound qed ikun hemm il-vadaliżmu kif ukoll siringi, ħmieġ u kliem oxxen miktub mal-ħitan. Hemm kaxxa tad-dawl mikxufa. | |
| 404 | Triq is-Swatar – Problema tat-traffiku quddiem St Martins College. Għandu jkun hemm Gwardjan Lokali. | |
| 405 | Triq it-Torri – Fejn l-HSBC ma waslitx l-aġenda tal-Laqgħa Pubblika. | |
| 406 | Triq it-Torri – Quddiem l-APS Bank qed isiru ħafna U-turns u jgħaddu Wrong Ways. | |
| 407 | Swatar – Ħmieġ minħabba l-istuff tal-Business Centres. | |
| 408 | Swatar – Minħabba l-problema tal-parking għandu jkun hemm Residential Parking. | |
| 409 | Triq Maestro Ġużeppi Camilleri – Ir-residenti qed joħorġu l-iskart u jitfgħuh quddiem garaxx eżatt wara li jkun għadda l-iscammel. Hemm min ukoll joħorġu filgħodu qabel ma jmur għax-xogħol. | |
| 410 | Triq Ġużeppi Calleja – Ħmieġ quddiem il-Little Gozo Flats u qed ikun hemm ġrieden u wirdien. Hemm dust bins li jkunu mimlijin bil-laħam. Qed ikun hemm ħafna traffic minħabba l-Maypole fejn in-nies qed jipparkjaw u jostakulaw il-garaxxijiet tar-residenti. | |
| 411 | Triq Grosseto – Partijiet mill-bankina hija mkissra. Mhux sew li qed jiġu tas-spiss il-Gwardjani Lokali u jgħatu ħafna ċitazzjonijiet lill-klijenti. Meta jiġi tal-iscammel jippretendu li jixorbu b'xejn mill-ħanut. | |
| 412 | Swatar – Gwardjani Lokali qed ikunu kuljum iduru s-Swtar kollu. Mhux qed ikun hemm parking għar-residenti. | |
| 413 | Triq Sant' Andrija – Din it-Triq bla dawl u arbli tad-dawl bla bozoz. | |
| 414 | Triq is-Swatar – Għandu jsir double yellow line quddiem iċ-ċint sabiex il-karozzi ma jipparkjawx. Din it-Triq bla dawl. | |
| 415 | Swatar – Rotta 110 mhux qed tiffunzjoni tajjeb. | |
| 416 | Triq Ġużè Ellul Mercer – One Ways mhux qed jiġu obduti. | |
| 417 | Swatar – Jeħtieġ li jkun hemm residential parking. | |
| 418 | Triq Paul Borg Olivier – Hemm ċint baxx u peikoluż | |
| 419 | Triq Balliju Guttenburg – Hemm periklu kif iduru l-karozzi. | |
| 420 | Triq is-Swatar – Għandu jkun hemm sinjal isfar minn Gragae 4 'l quddiem. | |
| 421 | Swatar – Meta jiġi infurzat it-traffic management, ir-residenti kollha għandhom ikunu nfurmati. | |
| 422 | Triq is-Swatar – Problema tat-traffiku quddiem St Martins College. Din it-Triq bla dawl. Hi taċċetta li l-fanal jeħel mal-faċċata tagħha. | |
| 423 | Triq Balliju Guttenburg – Fanal mhux jixhel. | |
| 424 | Triq Ġużè Maria Puglesevich – Reviżjoni tat-Traffic Management | |
| 425 | Triq Balliju Guttenburg – Reviżjoni tat-Traffic Management | |
| 426 | Triq Balliju Guttenburg/Triq Ġganni Attard – Issir gate sabiex jingħalaq il-passaġ li hemm u li l-karozzi qed jidħlu minnu. | |

# 5. Għeluq

Il-Laqgħa spiċċat fl-10 ta' filgħaxija.